Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10632 – WATERLAND / DUVENBECK)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 114/07)

1. Fit-2 ta' Marzu 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Waterland Private Equity Investment B.V. ("Waterland", in-Netherlands),

— Duvenbeck Group ("Duvenbeck"), attwalment ikkontrollat minn Thomas Duvenbeck Holding GmbH (it-tnejn li huma fil-Ġermanja).

Waterland takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Duvenbeck kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Waterland: Grupp indipendenti ta' investiment ta' ekwità privata, iffukat fuq l-esternalizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni, divertiment u lussu, is-sostenibbiltà u l-popolazzjoni li qed tixjieħ. Waterland hija prinċipalment attiva fl-Ewropa, b'mod partikolari l-Benelux, il-Ġermanja u r-Renju Unit.

— Duvenbeck: Fornitur tal-loġistika li joffri loġistika ta' terzi persuni, inklużi servizzi ta' loġistika kunċettwali u ewlenin, loġistika tal-kuntratti, spedizzjoni tal-merkanzija u assemblaġġ ħafif. Duvenbeck hija prinċipalment attiva fil-Ġermanja, l-Awstrija, il-Polonja, ir-Repubblika Ċeka, is-Slovakkja, l-Ungerija, ir-Rumanija u Spanja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]), jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi speċifikata dejjem:

M.10632 – WATERLAND / DUVENBECK

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 ("ir-Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË